**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 20 ta' Gunju 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**
**Vs**
**Jeffrey Cassar**
**Francis Formosa**

Kump Nru 271/2012

**Il-Qorti**;

Rat li l-imputati **Jeffrey Cassar**, detentur ta' karta tal-identita **258584M** u **Francis Formosa** detentur ta' karta ta l-identita bin-numru **409470M** gew akkuzati talli f'dawn il-gzejjer fil-perjodu ta' bejn Dicembru 2009 u Jannar 2010;

1. ikkommettejtu serq ta diversi pakketti tas-sigaretti min gewwa l-hanut Rubies, ta' Triq it-Turisti San Pawl il-Bahar liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur u l-persuna, li sar ghad-dannu ta' Alan Cassar, Neville Lia, John Cutajar u Jean Claude Chetcuti;

2. Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi xjentement ilqajtu ghandkom jew xtrajtu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwisti b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahaltu biex tbieghuhom jew tmexxuhom u dan ai termini tal-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta Malta;
3. Lil Francis Formosa wahdu nakkuzah ukoll talli rrenda ruhu bhala komplici fl-imsemmija serqa ai termini tal-artikolu 42 (d) u 42 (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Lil Jeffrey Cassar wahdu nakkuzah talli fl-istess data, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli (kaxxa tas-sigaretti u table soccer) u li l-ammont tal-hsara ma kienx jiskorri l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u siitin centezmu (€1,164.69), imma huwa izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) u li sar ghad-dannu ta' Alan Cassar, Neville Lia, John Cutajar u Jean Claude Chetcuti. Dan ai termini tal-artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. F'Kaz ta' htija l-qorti hija mitluba sabiex titratta lill-hatja bhala recidivi b'diversi sentenzi tal-qorti li saru definitive u ma jistghux jigu mibdula u dan ai terminu tal-artikol 49,50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rinvio a giudizio tal-Avukat Generali tal-11 t'April 2018 (ara *folio* 166A) u l-kunsens (sabiex din il-kawza tissokkta u tigi deciza bir-rit sommarju) ta` l-imputati tas-17 t'April 2018 (ara folio 167);

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat li l-imputat Francis Formosa miet fil-mori tal-kawza propju fil-25/11/2019 (ara certifikat tal-mewt numru 2265/2022 esebit in atti) u allura din is-sentenza necessarjament ser tkun fil-konfront ta l-imputat Jeffrey Cassar biss;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

**Ikkunsidrat;**

Jinghad minnufieh u minghajr tigbid, illi l-korp tal-provi mressaq mill-prosekuzzjoni, bl-ebda mod ma jgib lill-imputat Jeffrey Cassar – dejjem skond il-ligi u l-procedura penali – passabbli ghar-reati li ghalihom tressaq biex jirrispondi f'dawn il-proceduri.

1. Illi ghal dak li jirrigwarda l-istqarrijiet esebiti in atti – in linea mas-Sentenzi ricenti in materja – din il-Qorti sejra tiskarthom kompletament;

2. Illi m a ingiebet ebda prova – diretta jew indiretta (li trid tkun univoka u konkordanti) li b'xi mod torbot lill-imputat Jeffrey Cassar ma dan il-kaz;

3. Illi l-korp tal-provi, kif imressaq, iwassal biss sal-grad tal-possibli u cioe' li seta kien l-imputat, flimkien ma iehor, li ghamel xi haga li setghet iggibu biex jirrispondi ghal xi imputazzjonijiet.

Dan il-grad tal-prova ma jiswa ghal ebda parti fil-kawza.

**KONKLUZJONI.**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI TIDDIKJARA L-PROCEDIMENT BHALA ESTINT FIL-KONFRONT TAL-MEJJET FRANCIS FORMOSA; U SSIB U TIDDIKJARA LIL JEFFREY CASSAR MHUX HATI TA` L-IMPUTAZZJONIJIET KOLLHA MIGJUBA KONTRA TIEGHU U MINNHOM TILLIBERAH SKOND IL-LIGI.**

Dr Ian Farrugia LLD

Magistrat

Marica Mifsud

Deputat Registratur